- *Verżjonijiet kunfliġġenti*
- *Nuqqas li jiġu miċħuda fir-Risposta Guramentata asserzjonijiet fir-Rikors Ġuramentat*
- *Konsegwenzi tan-nuqqas li jsir kontro-eżami*
- *-testimonjanza contra scriptum*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 10 TA' DIĊEMBRU 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 375/19 GM**

**Christopher Mifsud KI 396782M**

**vs**

**Carmelo Bianco (KI 44368M) f'ismu proprju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentenza ta' Western Company Limited (C-19994)**

**u**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal kull interess li dan jista' ikollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta illi:

1. Is-soċjetà konvenuta kienet biegħet lill-esponent vettura tat-tip *Toyota GT Turbo* bin-numru ta' reġistrazzjoni "HHH" numri tmienja, tmienja, tnejn (882).

2. Fid-19 ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) ġiet iffirmata wkoll kostituzzjoni ta' debitu bejn il-partijiet in atti Nutar Dr. Nicholas Vella (ara **Dok.CM1** hawn anness), għas-somma ta' ħamest elef u mitt Lira Maltin (LM5,100) ekwivalenti għal ħdax-il elf, tmien mija u tmenin Euro (€11,880) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tal-vettura Toyota GT Turbo bin-numru ta' reġistrazzjoni HHH-882.

3. Permezz tal-istess kostituzzjoni ta' debitu, l-esponent kien obbliga ruħu li jħallas is-somma fuq imsemmija permezz ta' pagamenti mensili ta' mija u żewġ Liri Maltin (LM 102) kull wieħed, ekwivalenti għal mitejn u sebgħa u tletin Euro u Euro u sittin ċenteżmu (€237.60).

4. Inoltre' ġiet irreġistrata ipoteka ġenerali minn Western Company Limited kontra l-esponent bin-numru ta' iskrizzjoni 21466/2005 bħala garanzija tas-somma infraskritta, kopja hawn annessa – **Dok.CM2**.

5. Bejn is-sena 2006 u 2007, l-esponent fil-fatt effettwa numru ta' pagamenti għal total ta' elf, tmien mija, erbgħa u tletin Lira Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu (LM 1834.85), ekwivalenti għal erbat elef, mitejn u erbgħa u sebgħin Euro (€4274.00), kopja tar-riċevuti relattivi hawn annessa – **Dok.CM3**.

6. Madwar dan l-istess perjodu l-esponent iltaqa' u beda relazzjoni mal-persuna li llum hija martu u ċioe' Josefine Mifsud Dreger, li hija ta' nazzjonalita Ġermaniża, u fis-sena elfejn u sebgħa (2007) l-esponent emigra ma' din il-persuna lejn il-Ġermanja, fejn huwa għix u ħadem hemm għal numru ta' snin.

7. Pero' qabel telaq lejn il-Ġermanja l-esponent mar għand Carmelo Bianco u staqsieh jekk kienx lest li jieħu lura l-vettura Toyota GT Turbo bin-numru ta' reġistrazzjoni HHH-882 bħala ħlas għas-saldu tal-bilanċ li kien fadal jitħallas fuqha.

8. Din il-proposta ġiet aċċettata minn Carmelo Bianco għan-nom ta' Western Company Limited, li allura aċċetta li jieħu lura l-vettura għas-saldu tal-bilanċ li kien fadal jitħallas fuqha.

9. Milħuq dan il-ftehim bejn l-esponent u Carmelo Bianco, dan tal-aħħar ċempel lill-esponent qabel huwa siefer lejn il-Ġermanja u talbu sabiex iħallas il-kontravvenzjonijiet stradali li kien hemm fuq il-vettura sabiex seta' jsir it-*transfer* tagħha mal-awtorità konċernata. L-esponent hekk għamel u sussegwentement fil-fatt sar it-*transfer* tal-imsemmija vettura sabiex b'hekk il-partijiet ma kien fadlilhom l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront ta' xulxin.

10. L-esponent dam jgħix u jirrisjedi fil-Ġermanja għal madwar tliet (3) snin u ċioe' bejn is-sena elfejn u sebgħa (2007) u s-sena elfejn u għaxra (2010). Sussegwentement huwa ddeċieda li jerġa' jiġi lura Malta ma' familtu.

11. Ġara' li xi żmien fis-sena 2017 l-esponent talab li jingħata faċilità ta' kreditu mingħand bank kummerċjali lokali sabiex ikun jista' jakkwista proprjetà immobbli flimkien ma' martu, fejn hemm sar jaf li kien għad hemm l-ipoteka ġenerali bin-numru progressiv 21466/2005 reġistrata minn Western Company Limited fuq il-ġid u l-beni tiegħu kollha u għaldaqstant qabel ma titneħħa l-imsemmija ipotekahuwa ma setax jingħata faċilità ta' kreditu.

12. Kien hemmhekk li l-esponent għamel kuntatt ma' Carmelo Bianco sabiex jingħata spjegazzjoni u sabiex tkun tista' titneħħa l-ipoteka ġenerali hawn fuq imsemmija.

13. Peró Carmelo Bianco hemmhekk talab somma flus lill-esponent, liema flus skond l-istess Bianco kien għadhom dovuti lil Western Company Limited u dana dejjem in konnessjoni mal-bejgħ tal-vettura tat-tip *Toyota GT Turbo* bin-numru ta' reġistrazzjoni "HHH" liema bejgħ kien seħħ lura fl-2005.

14. Fil-fatt Carmelo Bianco preżenta *statement* lill-esponent li fih kien hemm miktub li sa' Mejju tal-2017, bl-imgħax a skaletta, l-ammont dovut lil Western Company Limited kien laħaq is-somma ta' tnejn u għoxrin elf, seba' mija u tletin Euro u żewġ ċentesmi (€22,730.02) – ara *statement* immarkat **Dok.CM4**.

15. Għalhekk Carmelo Bianco baqa' jirrifjuta li titneħħa u titħassar l-ipoteka ġenerali minn fuq il-beni tal-esponent, u dan b'mod abbużżiv u illegali tant li qiegħed jittenta jarrikkixxi ruħu ndebitament billi jeżiġi l-ħlas bl-interessi għall-vettura li huwa kien aċċetta li jingħata lura bħala ħlas għas-saldu tal-bilanċ li kien rimanenti fuq il-prezz tal-istess.

16. Fil-fatt anki l-kostituzzjoni ta' debitu suriferita tagħmel referenza għall-fatt li f' każ li l-esponent kien ser jonqos li jħallas il-pagamenti pattwiti, allura r-rimedju tal-intimat kien it-teħid lura tal-vettura – hekk kif tabilħaqq reġa ġie pattwit bejn il-partijiet verbalment meta l-esponent kien ġie biex isiefer lejn il-Ġermanja, tant hu hekk li sar it-*transfer* tal-vettura mill-ġdid favur l-intimat u anki tħallsu l-kontravenzzjonijiet pendent.

17. Tali aġir huwa wieħed illegali u abbużiv, b' dan li l-intimat m'għandu ebda jedd li jżommu fis-seħħ il-ipoteka ġenerali minnu reġistrata kemm il-darba tali ipoteka ġiet reġistrata unikament bħala garanzija tal-ħlas bilanċjali fuq il-bejgħ tal-vettura, liema ħlas tabilħaqq sar billi ngħatat lura l-vettura lill-intimat għas-saldu tal-imsemmi bilanċ.

18. Ir-rikorrent sofra u qed ikompli jsofri preġudizzju kbir minħabba ż-żamma fis-seħħ tal-ipoteka ġenerali u dan peress li huwa prekluż milli jagħmel użu minn faċilitajiet bankarji u għalhekk huwa prekluż milli jkun jista' jixtri u jakkwista proprjetà, b'dan li qiegħed għalhekk anki jisubixxi d-danni inutilment.

19. Għalhekk l-esponent ma kellu l-ebda alternattiva ħlief li jintavola dawn il-proċeduri odjerni, filwaqt li qiegħed formalment jirriżerva d-drittijiet tiegħu għad-danni skont il-Liġi.

Talab lil Qorti sabiex:

1. Prevja kull dikjarazzioni li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti fiċ-ċirkostanzi, tiddikjara li l-iskop oriġinali tal-ipoteka ġenerali bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 21466/2005, liema ipoteka ġiet irreġistrata favur Western Company Limited, ġie eżawrit.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żamma fis-seħħ tal-iskrizzjoni u r-registrazzjoni tal-ipoteka ġenerali bin-numru tal-iskrizzjoni progressiv 21466/2005 da parte tal-intimati jew min minnhom kontra r-rikorrent, hija waħda illegali u abbużiva għaliex ebda ammont mhu dovut mir-rikorrenti lill-intimati u għalhekk din l-ipoteka ġenerali m'għandhiex tibqa' fis-seħħ.

3. Tordna lis-soċjetà intimata sabiex tikkanċella u tħassar l-ipoteka numru 21466 tal-2005 *stante* li l-iskop tal-istess ipoteka ġie eżawrit, u dan entro terminu stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att ta' kanċellament relattiv.

5. Taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw l-eventwali kontumaċja fuq dan l-att.

6. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-emendi u t-taħsir meħtieġ ai fini tat-talbiet hawn fuq indikati.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Carmelo Bianco u Western Company Limited li permezz tagħha eċċepew illi:-

1. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġie ċitat inutilment u l-konvenuti m'għandhomx ibatu spejjeż ta' l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

2. Carmelo Bianco proprju ġie ukoll ċitat inutilment u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dan stante li l-ipoteka saret favur is-soċjeta' Western Company Limited biss.

3. M'huwiex minnu illi l-attur ħallas dak kollu li kien dovut minnu u konsegwentement mhux minnu illi l-ipoteka ġenerali *de quo* hija abbużiva u illegali. Fil-fatt għad hemm bilanċ pendent favur l-esponent nomine u m'hemmx lok għat-tħassir ta' l-ipoteka qabel ma dan il-bilanċ jitħallas u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Ma huwiex edott mill-fatti hekk kif inhuma ddikjarati fir-Rikors Ġuramentat.

2. Huwa ċar li l-involviment jew parteċipazzjoni tiegħu fil-każ in deżamina kien limitat biss għar-reġistrazzjoni ta' nota ta' iskrizzjoni ta' ipoteka ġenerali konvenzjonali, liema iskrizzjoni ta' ipoteka ġġib in-numru progressiv ta' 21466 tas-sena 2005, hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. DRP 1'.

3. L-iskrizzjoni ta' ipoteka ġenerali hawn fuq surreferita ġiet irreġistrata in konformita' mad-disposizzjonijiet tal-liġi, ċioe' skont il-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku (Kapitolu 56 tal-Liġijiet ta' Malta).

4. L-Artikolu 2060(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi: *"L-iskrizzjonijiet jistgħu jiġu mnaqqsa jew imħassra għal kollox bil-kunsens tal-kreditur mogħti b'att pubbliku, jew bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti kompetenti"*. Magħdud ma' dan, referenza ssir ukoll għal Artikolu 2064, li jaqra *"It-tħassir tal-iskrizzjoni jista' wkoll jiġi ordnat b'sentenza jekk ma jiġix ippruvat illi l-iskrizzjoni ġiet magħmula għal raġuni leġittima, jew jekk jiġi ppruvat illi l-jedd tal-kreditur spiċċa"*.

5. F'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti, il-kanċellament tan-nota tal-Ipoteka in kwistjoni għandha ssir tramite ir-reġistrazzjoni ta' Nota ta' Kanċellament a tenur tal-Artikolu 270 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. L-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti l-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti tenut kont lir-rwol tiegħu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur u tal-konvenuti Carmelo Bianco u Western Company Limited.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Ikkunsidrat:

***Fatti***

Skont l-informazzjoni min-naħa tal-Awtorita' ta' Transport Malta miġjuba bħala xhieda mill-attur, irriżulta illi l-karozza in kwistjoni u ċjoe' Toyota Starlet GT Turbo ġiet reġistrata fuq ismu fid-9 ta' Settembru 2002 u mhux fl-2005 bħala ma xehed l-attur. L-attur kien kellem lil konvenut Bianco sabiex il-karozza li kien diġa xtara minn għandu ipartatha mal-karozza l-ġdida (Toyota) u d-dejn li kien baqalu fuq il-karozza l-oħra jinqaleb għal fuq il-ġdida. Skond l-attur il-prezz tat-Toyota Starlet kien ta' Lm4,600.

Jidher li l-attur kien moruż fil-pagamenti u għalhekk, fid-19 ta' Diċembru 2005 ġie iffirmat att notalili ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn is-soċjeta' konvenuta Western Company Limited rappreżentata mill-konvenut Bianco u l-attur, fejn l-attur ikostitwixxa ruħu bħala debitur tal-kumpanija konvenuta fuq l-ammont ta' Lm5,100 rappreżentant "il-bilanċ tal-prezz tal-bejgħ tal-vettura Toyota GT Turbo numru ta' Reġistrazzjoni HHH882 ġia mibjugħa u kkonsenjata mill-kreditur lid-debitur."[1] Ir-rata ta' imgħax li ġiet maqbulha kienet ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena u d-debitur kellu jħallas Lm102 f'pagamenti mensili. Ġiet istitwita ukoll ipoteka ġenerali fuq il-ġid u l-beni kollha preżenti u futuri tad-debitur fuq dan l-ammont.[2]

L-attur esebixxa kopja ta' irċevuti għal-pagamenti illi għamel bejn is-sena 2004 u 2007 maħruġin minn Western Company Limited.[3]

Fis-sena 2007, l-attur telaq jgħix il-Ġermanja mat-tfajla tiegħu li illum hija martu iżda qabel telaq, informa lil konvenut Bianco u ftehmu li l-konvenut jieħu lura il-karozza u l-bilanċ li kien fadal, jitħallas mill-qligħ tagħha u jekk ikun baqa xi pendenzi jew qliegħ jirranġaw kollox meta jiġi lura. L-attur jgħid illi qabel telaq lejn il-Ġermanja, il-konvenut kien qallu li kien hemm xi ċitazzjonijiet fuq il-karozza u talbu jħallashom biex ikun jista jsir it-trasferiment tagħha. Skond l-attur, dawn iċ-ċitazzjonijiet ħallashom hu. Fl-ircevuti ppreżentati mill-attur hemm waħda ta' Lm100 datata 11 ta' Awwissu 2007 u hija indikata bħala ħlas ta' '*tickets'*.[4] Illi hemm diversi ċitazzjonijiet oħra[5] kollha maħruġin fuq isem l-attur bl-aħħar waħda tkun fis-16 ta' Jannar tas-sena 2006 u ċjoe' kważi xahar wara li saret il-kostituzzjoni ta' debitu.

Meta siefer lejn il-Ġermanja, l-attur ma reġax ikuntattja lil konvenut biex jara x'ġara mill-vettura u jekk inbiegħetx jew le iżda qisu nesiha għall-kollox. Meta l-attur irritorna lura Malta flimkien ma martu xtaqtu jieħdu faċilita' bankarja iżda ġew infurmati illi kien hemm l-ipoteka ġenerali (21466/2005) favur Western Company Limited fuq l-ammont ta' €22,730,02 (LM11,879.80)[6]. L-attur ma ġiex kontro-eżaminat fuq din ix-xhieda.

Il-verżjoni tal-attur hija kkorraborata minn missieru, Ignatius Mifsud li ukoll ma ġiex kontr-eżaminat.

Ikkunsidrat:

---

[1] Dok CM1 a Fol 7
[2] Dok CM2 a fol 9
[3] Fol 10 – 19 u Fol 42 - 51
[4] Fol 16
[5] Dok SC2 a fol 166
[6] Dok CM4 a fol 20

***It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Bianco – legittimazzjoni passiva tiegħu***

Normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor jew jekk dan ma jindikaħx espressament. Biex persuna li qegħda tikkuntratta ma torbotx lilha nnifsiha, jkun meħtieġ li jiġi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna ndikat ċar u tond li qiegħda tikkuntratta għal ħaddieħor jew għaliha personalment. Jekk ma ndikatx dan espressament, almenu jkun jirriżulta sodisfaċentement li l-kontraent l-ieħor ikun raġjonevoment jaf illi dik il-persuna qiegħda tikkontratta b'dak il-mod.[7]

Fil-kaz in eżami, fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu hemm imniżżel ċarament illi l-konvenut Carmelo Bianco qed jidher biss għan-nom tas-soċjeta konvenuta Western Company Limited u fl-ipoteka ġenerali hija l-konvenuta li hija l-kreditriċi. Kif ukoll kull irċevuta għall-ħlas tal-attur kienet f'isem il-kumpanija konvenuta. Għalhekk jidher biċ-ċar illi l-attur ikontratta ma' Western Company Limited u mhux mal-konvenut personalment.

***Leġittimazzjoni passiva tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku***

Filwaqt li l-konvenuta teċċepixxi li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mhux leġittimu kontradittur, din l-istess eċċezzjoni ma jagħtihiex id-Direttur innifsu. Id-Direttur sewwa ġie mħarrek, anke għaliex, f'każ ta' eżitu favorevoli għall-attur, il-Qorti tkun tista' tordnalu jikkanċella l-iskrizzjoni ipotekarja (Art. 2064 Kodiċi Ċivili). Naturalment id-Direttur m'għandux ibati spejjeż.

***Żewġ verżjonijiet konfliġġenti.***

Skont l-attur, il-kostituzzjoni tad-debitu tat-2005 kienet tikristallizza l-bilanċ tal-prezz tal-vettura Toyota li kien xtara mingħand il-konvenuta. Huwa ħallas il-pagamenti mensili dovuti sas-sena 2007 meta billi kien sejjer isiefer il-Ġermanja, ftiehem verbalment ma' Carmelo Bianco għall-konvenuta li jirritorna l-vettura għas-saldu tal-bilanċ tal-prezz li kien għad fadallu jħallas. Min-naħa l-oħra, skont il-konvenuta, il-kostituzzjoni ta' debitu kienet biss dwar arretrati tal-pagamenti u biex jiġi ssaldat il-prezz kellha tiġi rritornata l-karozza.

[7] Ara sentenza Kumm JDC Zammit v Rev.N.Okereke 13/7/91 u sentenza tal-Qorti tal-Appell E.Borg et noe v R.Schembri tat-28 ta' Mejju, 1973

Illi l-verżjoni tal-konvenut Carmelo Bianco hija differenti minn dik tal-attur. Hu xehed illi l-vettura ġiet konsenjata lilu ftit wara li ġiet iffirmata l-kostituzzjoni ta' debitu u mhux fl-2007 għaliex l-attur ma setax ikompli jħallasha. Jgħid illi l-ammont ta' Lm5,100 waslu għalih wara li ġie kkalkulat il-prezz ta' kemm tista' tinbiegħ il-vettura wara li ġie mnaqqas il-ħlas taċ-ċitazzjonijiet u ttieħu in konsderazzjoni l-ħsarat li kellha. Il-pagamenti mensili ta' Lm102 kellhom jibqgħu jitallsu anke' wara li ġiet irritornata l-vettura għax kien baqa' l-arretrati fuqha dawk il-Lm5,100.

Il-konvenut Bianco jkompli jispjega illi l-kostituzzjoni ta' debitu sar biss fuq l-arretrati li l-attur kellu jħallas u mhux fuq l-ammont intier peress li l-attur ikkonsenja l-vettura lura u hekk setgħet terġa tinbiegħ. "*Jekk il-karozza inbieghet 10 elef, u ghandu 4 elef b'lura, is-sitt elef mhux se jhallashom jekk hadnihielu lura l-karozza ghax ahna inbieghuha........mela inti dawk is-sitt elef ittihomlniex ghax il-karozza taghtilna u ahna nergghu inbieghuha.*"[8] Filfatt ippreżenta kopja ta' dikjarazzjoni iffirmata mill-attur stess datata 10 ta' Diċembru 2005 (ftit qabel ma ġiet iffirmata l-kostituzzjoni ta' debitu) li tgħid *'illi dwar il-pagamenti ta' arretrati ta' Lm5,100 ghandha ssir kostituzzjoni ta' debitu quddiem nutar qabel il-vettura tigi rritornata lura, kull citazzjoni ghandha tithallas minn Mifsud. Il-bilanc ta' Lm5,100 wara (li) tigi rritornata l-karozza se jithallas bl-Lm102 fix-xahar*[9]

Meta mistoqsi għaliex fil-kostituzzjoni ta' debitu hemm imniżżel "*f'kaz ta' morozita' da parti tad-debitur....il-kreditur ikun intitolat li jiehu lura l-pussess tal-vettura deskritta*", meta skond Bianco, il-vettura kienet diġa fil-pussess tiegħu, iwieġeb li l-karozza verament ma kinitx fil-pussess tal-attur iżda ftehmu miegħu illi jekk l-attur isib ibiegħ il-karozza bi prezz ogħla minn dak li l-konvenuta kienet se tbiegħha, jista' jagħmel dan. Mistoqsi jekk qatt fi tnax-il sena ċjoe' minn meta l-attur telaq il-Ġermanja sa meta nfetħet il-kawża jekk bagħttx ittra uffiċjali sabiex l-attur ikun interpellat għal-ħlas, il-konvenut kien evażiv u fl-aħħar jgħid li ma jiftakarx li bagħtu xi ittra uffiċjali lil attur.

Meta waqfu l-pagamenti mensili, il-konvenut jgħid illi kien jintbagħat rendikont kull sitt xhur jew sena lil attur. Dan ir-rendikont kien jitfgħu fir-residenza fejn kien joqgħod l-attur, ċertu John Sultana, ħaddiem tas-soċjeta' konvenuta, illum irtirat, illi kien joqgħod fl-istess triq tal-attur u kien ħabib tal-familja. Il-konvenut jixhed li ma kienx jaf li l-attur siefer lejn il-Ġermanja sar jaf biss minn xi familjari tal-attur wara ħafna żmien.

---

[8] Fol 111
[9] Fol 98

Il-verzjoni tal-konvenut ikkorraborata minn Conrad Pisani u John Sultana li kienu jieħdu ħsieb ġbir ta' flus ta' klijeti li jkunu waqgħu lura fil-pagamenti.

Mid-dokumenti tal-Awtorita' ta' Transport Malta pero' jirriżulta li l-vettura inqalbet minn fuq isem l-attur lura għal fuq is-soċjeta konvenuta fis-27 ta' Novembru tal-2007.

In sostenn tal-verżjoni tagħha, il-konvenuta esebiet (fol 98) dikjarazzjoni ffirmata mill-attur u miktuba bl-idejn (manuskritta) minn persuna li mad-daqqa t'għajn ma jidhirx li hi l-attur, fuq "Declaration Form" tal-attriċi stess, datata 10 ta' Diċembru 2005 li taqra hekk:

> "Jien hawn taħt Christopher Mifsud I.D. 396782(M) niddikjara li l-pagamenti tal-arretrati ta' Lm5,100 ekwivalenti għal 28 pagament ta' Lm82 (??) għandha ssir kostituzzjoni ta' debitu quddiem nutar qabel il-vettura tiġi irritornata lura. Kull ċitazzjoni għandha tiġi/jiġu mħallsin minn Christopher Mifsud. Il-bilanċ ta' Lm5,100 wara tiġi rritornata l-karozza ser jitħallsu bi Lm102 fix-xahar".

Min-naħa l0oħra, l-attur jistrieħ fuq il-kostituzzjoni ta' debitu rilaxxjata minn Nutar u datata 19 ta' Diċembru 2005. Fiha jingħad, fost l-oħrajn, li:

> "Id-debitur qed jikkostitwixxi ruħu veru, ċert u likwidu debitur a favur tal-kreditur, fl-ammont ta' ... Lm5,100 rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tal-bejgħ tal-vettura Toyota GT Turbo... ġja mibjugħa u kkonsenjata mill-kreditur lid-debitur f'data qabel illum".

L-iskrittura tkompli tgħid li s-somma titħallas lura f'pagamenti ta' Lm102 fix-xahar u bl-imgħax a skaletta ta' 8% fis-sena u li:

> "f'każ ta' morożita... il-kreditur ikun intitolat li jieħu lura l-pussess tal-istess vettura... u d-debitur jitlef kull dritt u jedd li jista' jkollu fuqha."

L-attur iffirma fuq il-kliem stampat "Client's signature". Taħt il-firma tal-attur hemm firma oħra miktuba fuq timbru tal-konvenuta.

L-ewwel skrittura kienet ftehim preliminari għall-kostituzzjoni ta' debitu li fil-fatt sar wara. B'danakollu, il-kostituzzjoni ta' debitu għandha premessi u pattijiet kemmxejn differenti minn dawk tal-ftehim preliminari. Filwaqt li l-ewwel ftehim jiddefenixxi l-Lm5,100 bħala arretrati u jesiġi r-radd lura tal-vettura qabel jibdew jitħallsu l-pagamenti mensili, it-tieni ftehim jiddefenixxi l-Lm5,100 bħala bilanċ tal-prezz u ma jesiġix ir-ritorn tal-karozza għajr fl-eventwalita ta' morożita.

*Evaluwazzjoni tal-provi*

L-ebda waħda mill-partijiet m'għamlet aċċenn jew ippruvat tagħti spjegazzjoni għad-differenza bejn iż-żewġ skritturi. Wieħed jistenna li la l-kostituzzjoni ta' debitu kienet il-ftehim aħħari u definittiv – apparti li sar f'data posterjuri – għandu jipprevali fuq l-ewwel skrittura. Iktar u iktar meta t-tieni ftehim huwa redatt minn Nutar Pubbliku u huwa ċar u inekwivoku. Kif inhu sewwa magħruf, fejn il-kliem huwa ċar, m'hemm lok għal ebda interpretazzjoni. Hemm ukoll il-prinċipju legali li *contra scriptum non est argomentum.* Qajla tista' l-konvenuta tmieri l-kontenut ta' dan il-kuntratt, iktar u iktar meta n-nutar għażlitu hi u l-kuntratt ġie ppubblikat fl-uffiċċju tagħha u mhux fl-uffiċċju tan-Nutar.

Il-fatti kif żviluppaw wara l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu huma konformi ma' dak li hemm stipulat fih. Il-vettura baqgħet għand l-attur. Il-pagamenti baqgħu isiru għal sentejn.

L-attur isostni li fit-2007 huwa siefer lejn il-Ġermanja biex jistabbilixxi ruħu hemm billi kellu tfajla Germaniża li fil-fatt iżżewwiġha, u li qabel telaq ftiehem mal-konvenuta li jħallilha l-karozza għas-saldu tal-bilanċ tal-prezz. Dan huwa verosimili. Il-vettura ġiet irreġistrata fuq il-konvenuta li wara ġurnata ttrasferietha lil terza persuna.

Il-verżjoni tal-konvenuta li l-karozza ingħatatlu lura bħala parti mill-ftehim preliminari mhix tenibbli għaliex ma jispjegax l-għala t-tieni ftehim sar kif sar. Lanqas hu kredibbli li l-attur siefer bla ma qallu xejn. Jekk inhu hekk, kif ġiet trasferita l-vettura proprju koinċidentalment mas-safar tal-attur? L-attur kien magħruf sew mill-addetti tal-konvenuta. Wieħed minnhom, John Sultana, ex-pulizija li kien jagħmilha ta' debt collector tal-konvenuta, kien ġar tal-familja tal-attur. Isostni imma li sar jaf li l-attur siefer żmien twil wara. Dan mhu xejn kredibbli, anke għaliex ingħad li kienu baqgħu jintbagħtu l-kontijiet tramite l-istess John Sultana personalment, u mhux bil-posta, fl-indirizz fejn kien joqgħod l-attur – anke jekk Conrad Pisani, addett ieħor tal-konvenuta, xehed – anke din hija inverosimili – li kopja ta' dawn il-kontijiet ma nżammux. L-istess xhud stqarr li l-karozza ttieħdet lura mill-konvenuta kontestwalment mal-kostituzzjoni ta' debitu. Xehed ukoll li saru pagamenti qabel, iżda mhux wara, l-kostituzzjoni tad-debitu. Issikkat mill-avukat tal-attur, kien evażiv, ma baqax daqshekk ċert u fl-aħħar qal li kien sejjer jiċċekkja (fol 195H).

Il-Qorti ma tista' qatt temmen li l-konvenuta damet għaxar snin passiva ma tirċevix pagamenti meta kellha tieħu. L-addetti tagħha huma organizzati sewwa, u ferm pro-attivi, biex jiġbru l-

flus mingħand id-debituri tagħha. Il-konvenuta ċċaqalqet biss meta fit-2017 l-attur talab li jieħu faċilita bankarja, saru s-soliti riċerki, sar jaf li kien hemm ipoteka ġenerali relatata mal-kostituzzjoni ta' debitu – għaliex in-Nutar ma kienx infurmah li kien sejjer jagħmilha – u avviċina lil Carmelo Bianco biex jikkanċellahielu.

Fl-evaluwazzjoni tagħha tal-provi, din il-Qorti tqis li, kkonfrontata mid-dikjarazzjonijiet dettaljati dwar il-fatti magħmula mill-attur fir-Rikors Maħluf, il-konvenuta wieġbet biss, fil-mertu, b'eċċezzjoni ġenerika; u naqset milli turi lill-Qorti ma' liema fatti kienet qed taqbel u ma liema ma taqbilx, hekk kif hija marbuta li tagħmel skont il-Kodiċi ritwali. Huwa minnu li l-konvenut mhuwiex tenut iġib provi hu sakemm jillimita ruħu biex jiċħad il-pretenzjoni tal-attur, bħalma għamlet il-konvenuta fir-Risposta Guramentata tagħha f'din il-każa, u ma jiddefendix ruħu b'fatti impedittivi, modifikattivi jew estintivi, li allura jkollu jippruvahom hu. Dan ma jfissirx, iżda, li mhux obbligat, illum il-ġurnata, jindika *a tempo vergine* fir-Risposta Guramentata, ma' liema fatti, allegati mill-attur, jaqbel u ma' liema fatti ma jaqbilx. Jekk in-normi proċedurali mhumiex qegħdin hemmhekk sempliċiment biex jinkisru jew jiġu injorati – normi, dawn, li jridu bilfors jitħarsu għaliex ta' natura ta' ordni pubbliku – allura min ma jħarishomx irid isofri l-konsegwenzi tan-nuqqas tiegħu.

Barra minn hekk, il-Qorti ħadet qies ħafna ċ-ċirkostanza li la l-attur u lanqas missieru ma ġew assoġġettati għall-kontro-eżami[10]. Il-kontro-eżami huwa istitut karatteristiku tas-sistema probatorju Ngliż; ħafna jsostnu li huwa kolonna mill-iktar importanti u kontribut importanti tal-ġenju Ngliż; li l-leġislatur Brittaniku inġerixxa fl-ordni ġuridiku proċesswali tagħna li altrimenti ġie mislut sa minn żminijiet medjevali mis-sistema kontinentali ta' oriġini romaniko-kanonistika. Istitut li tradizzjonalment ma nsibuħx fis-sistema kontinentali, anke jekk in-nuqqas tiegħu qiegħed jiġi dejjem iktar jinħass mid-dottrina. Għalhekk fl-interpretazzjoni tiegħu, japplikaw il-kanoni ta' interpretazzjoni żviluppati fid-dritt Ingliż, sakemm ma jkunx hemm xi devjazzjoni minnu stipulati fil-kodiċi tal-proċedura Malti.

Jingħad mill-ġuristi u qrati Ngliżi fir-rigward tan-nuqqas li jsir kontro-eżami li:

> "In general a party is required to challenge in cross-examination the evidence of any witness of the opposing party if he wishes to submit to the court that the evidence should not be accepted on that point[11]. The rule applies in civil cases as it does in criminal. In

[10] Il-kontro-eżami jista' wkoll ikun tal-partijiet infushom – *Phipson on Evidence,* para 12-11, paġna 373

[11] Ara l-kawżi ċċitati minn Phipson, footnote 35, paġna 374 - bl-eqdem waħda *Browne v Dunn* (1894) 6 R. 67 HL, u l-iktar riċenti *Tullow Uganda Ltd v Heritage Oil and Gas Ltd* (2013) EWHC 1656 (Comm) at 61, 62.

general the CPR (is-Civil Procedure Rules li kkodifikaw il-proċedura Ngliża fi żminijiet riċenti) does not alter that position.

"The rule serves the important function of giving the witness the opportunity of explaining any contradiction or alleged problem with his evidence. If a party has decided not to cross-examine on a particular important point, he will be in difficulty in submitting that the evidence should be rejected.[12]

"Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to any party to impugn in any closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine… Accordingly, it is counsel's duty, in every case (a) to challenge every party of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c ) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case."[13]

Il-Qorti, wara li qieset li min-naħa l-waħda d-depożizzjoni tal-attur ma ġietx assoġġettata għall-kontro-eżami, u li hija kkorroborata in parti bil-pattijiet u kundizzjonijiet li jinstabu miktubin ċar u tond fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, u allura msaħħa bi prova miktuba; u min-naħa l-oħra d-difiża tikkonsisti f'asserzjonijiet testimonjali li m'humiex aċċettabbli għaliex jmorru kontra l-iskritt (contra scriptum non est argomentum), apparti li huma inverosimili u inkonsistenti; issib li l-verżjoni tal-attur hija, fuq bażi ta' probabilita, iktar fededenja minn dik tal-konvenuta.

**Decide**

[12] *Phipson on Evidence,* 18th ed. 2013, para 12-12 paġna 374

[13] Peter Murphy, *Murphy on Evidence*, 8th ed. 2003, paġni 597-8

***Dispożittiv***

Għall-motivi suesposti:

1. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u tillibera lil Carmelo Bianco mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-iskop oriġinali tal-ipoteka ġenerali bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 21466/2005, liema ipoteka ġiet irreġistrata favur Western Company Limited, ġie eżawrit.

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba billi hija superfluwa.

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lis-soċjetà intimata sabiex fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza tikkanċella u tħassar l-ipoteka numru 21466 tal-2005 *stante* li l-iskop tal-istess ipoteka ġie eżawrit, u dan entro terminu stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Tilqa' r-raba' talba u fin-nuqqas li s-soċjeta konvenuta tottempera ruħha mal-ordni tal-Qorti, tinnomina lin-Nutar Josef Masini Vento sabiex jippublika l-att ta' kanċellament relattiv f'jum ħin u lok minnu ffissati sa mhux iktar tard minn xahrejn mid-data ta' din is-sentenza.

6. Tilqa' l-ħames talba u taħtar lill-Avukat Martha Mifsud bħala kuratur għall-eventwali kuntumaċi fuq l-att.

7. Tilqa' s-sitt talba bili tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-emendi u t-taħsir meħtieġ ai fini tat-talbiet hawn fuq indikati.

Spejjeż a kariku tal-konvenuta ħlief dawk tal-konvenut Carmelo Bianco kif ukoll l-ispejjeż u drittijiet Notarili konnessi mal-kanċellament tal-ipoteka li għandhom jitħallsu mill-attur.

Moqrija.

ONOR IMHALLEF

GRAZIO MERCIECA

---

*B'digriet tat-12 ta' Jannar 2021 il-Qorti laqgħet it-talba kif kontenuta fir-rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2020 u ordnat li paragrafu 3 tad-dispożittiv tas-sentenza għandu jiġi rimpjazzat kif ġej:-*

*"3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba billi hija superfluwa.".*